Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP

# Rapport Amministrattiv 2015

*imħejji minn Antonia Demicoli, **Segretarju Eżekuttiv***

# Introduzzjoni

Nagħtukom merħba għal din il-laqgħa tal-lokalita' għas-sena 2016 u li parti minnha tinkludi rapport tal-ħidma tal-Kunsill għas-sena 2015 filwaqt li toffri informazzjoni dwar il-ħsibijiet tal-Kunsill ta' Ħal Kirkop għax-xhur li ġejjin.

Filwaqt li matul din is-sena wieħed ftit seta' jara proġetti kapitali jseħħu, dan ma jfissirx li l-Kunsill ma kienx attiv u ma kienx qiegħed jaħdem bi sħiħ u jħejji pjanijiet għall-futur. Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għandu, il-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli biex jara li Ħal Kirkop jingħata l-ġieħ li jixraqlu.

Matul l-2015 sar diversi diskussjonijiet li l-frott tagħhom ser jibda jidher matul is-snin li ġejjin.  L-akbar sfida li għandu l-Kunsill fis-snin li ġejjin hija bla dubju ta' xejn li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti filwaqt li jipprovdi servizzi oħra ġodda.

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop matul dawn it-tnax-il xahar.

Matul is-sena 2015, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop ra t-terminu tas-Seba' Leġislatura li bdiet f'April 2012 u ġiet fi tmiemha f'April 2015. Għaldaqstant il-Kunsill ra wkoll il-bidu tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, fl-1 ta' Mejju, 2015. Il-Kunsill ta' Ħal Kirkop matul din is-sena kien kompost kif jidher fit-tabelli hawn taħt.

## Is-Seba' Leġislatura
### April 2012 – April 2015

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Carmel Calleja |
| **Viċi Sindku:** | Antoinette Cefai |
| **Kunsilliera:** | Stephen Mizzi |
| | Joseph Schembri |
| | Jennifer Tabone |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Antonia Demicoli |

*F'din il-leġislatura Joseph Carbone serva sa l-aħħar ta' Lulju 2013. F'Awwissu 2013 bdiet isservi fil-kariga Jennifer Tabone.*

## It-Tmien Leġislatura
### minn Mejju 2015

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Terence Agius |
| **Viċi Sindku:** | Joseph Schembri |
| **Kunsilliera:** | Stephen Mizzi |
| | John Luke Cassar |
| | Antoinette Cefai |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Antonia Demicoli |

*F'din il-leġislatura Antoinette Cefai serviet sa nofs Jannar 2016. Fi Frar 2016 beda jservi fil-kariga Leonard Grioli.*

Fis-sena 2015, il-Kunsill kien qed ifittex żgħażagħ li kienu interessati li jservu bħala Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Is-Sur Miguel Sacco ġie approvat Ambaxxatur Lokali f'Diċembru, 2015 meta huwa għalaq sittax-il sena.

Bejn Jannar u April 2015, il-Kunsill – Is-Seba' Leġislatura, iltaqa' seba' darbiet fejn l-attendenza tal-Kunsilliera kienet pjuttost tajba u regolari. Bejn Mejju u Diċembru 2015, il-Kunsill – It-Tmien Leġislatura, iltaqa' ħdax-il darba fejn l-attendenza tal-Kunsilliera kienet tajba ħafna għajr ta' Kunsillier.

L-attendenza tal-Kunsilliera bejn Jannar u Diċembru 2015 tidher fit-tabelli hawn taħt.

## Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill
### Laqgħat tal-Kunsill tas-Seba' Leġislatura
### Jannar – April 2015

| Laqgħat Nru 49 - 55 | Carmel Calleja | Antoinette Cefai | Stephen Mizzi | Joseph Schembri | Jennifer Tabone |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 7/7 | 6/7<br>1 skużata | 4/7<br>3 skużat | 6/7<br>1 skużat | 5/7<br>2 skużata |

## Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill
### Laqgħat tal-Kunsill tat-Tmien Leġislatura
### Mejju – Diċembru 2015

| Laqgħat Nru 01 - 11 | Terence Agius | Joseph Schembri | Stephen Mizzi | John Luke Cassar | Antoinette Cefai |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 11/11 | 11/11 | 11/11 | 11/11 | 5/11<br>4 skużata<br>2 assenti |

Tul is-sena 2015, il-Kunsill kellu tlett impjegati, li kienu s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ skrivani. Bejn Jannar u Settembru 2015 il-Kunsill kellu skrivana waħda minħabba li waħda mill-iskrivani kienet fuq leave ta' maternita.

Il-Kunsill kellu wkoll l-għajnuna minn żewġ impjegati tal-IPSL li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita'. Il-Kunsill għandu wkoll l-għajnuna ta' persuna li qiegħda fuq l-iskema Xogħol fil-Kommunita' mnhedija mill-ETC. Dan jgħin fix-xogħol tal-Uffiċċju.

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2015 kienet ta' €190,637. Kien hemm ukoll dħul ieħor li jammonta għal €48,336, li jġib id-dħul għas-sena 2015 b'total ta' €238,973. In-nefqa għas-sena 2015 kienet tammonta għal €282,034. Dawn il-figuri huma mogħtija mill-kotba tal-Kunsill li ġew awditjati. Biex wieħed ikollu stampa eżatta tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Kunsill wieħed jista' jara l-Audited Financial Statements li jidhru ukoll fuq is-sit www.lc.gov.mt.

**Rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2015**

Matul l-2015 tkompla jingħata s-servizz tas-Sigurta' Soċjali, fejn ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew mill-Uffiċċju tal-Kunsill, nhar ta' erbgħa, kull ħmistax. Ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew biex –

- japplikaw għal kwalunkwe benefiċċju tas-sigurta' soċjali fejn ma hemmx bżonn ta' dikjarazzjoni ġuramentata;
- jirraportaw kwalunkwe tibdil ta' ċirkostanzi;
- japplikaw jew iġeddu l-karta r-roża;
- jissottomettu ċertifikati tal-mard; u
- jagħmlu kwalunkwe talba għall-informazzjoni dwar kwalunkwe ħaġa ta' sigurta' soċjali.

Lejn tmiem l-2015 il-kumpanija Maltapost avviċinat lill-Kunsill u offriet li tagħti servizz ta' *mobile postoffice* f'Ħal Kirkop. Dan is-servizz qed jingħata kull nhar ta' Erbgħa bejn it-8.00 u l-10.00 ta' filgħodu. Dan is-servizz intlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti Koppin tant li ħafna minnhom ikunu qed jistennew il-ġurnata tal-Erbgħa biex jinqdew mingħand tal-posta.

Ir-Reġjun Nofsinhar, li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop jagħmel parti minnu, matul is-sena 2015 ħa diversi inizjattivi biex jgħin lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

Waħda minn dawn l-inizjattivi kienet tikkonsisti f'għotja ta' €1000.00 biex il-Kunsill jagħmel xogħol fuq rampi fil-bankini biex ikunu jistgħu jintużaw mill-persuni bi bżonnijiet speċjali. Ix-xogħol fuq dawn ir-rampi qed jiġi diskuss fil-Kunsill u ser jibda' matul ix-xahar ta' Mejju 2016.

Ir-Reġjun Nofsinhar għen ukoll lill-Kunsill billi ta fondi biex jintużaw fiż-żamma ta' tabelli u sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill kontinwament jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq sinjali u tabelli tat-traffiku.

Apparti l-manutenzjoni, l-Kunsill ilu ħafna għaddej b'ħidma ma' Transport Malta dwar *traffic management* fl-area magħrufa Kirkop II. Dan ix-xogħol ġie approvat u ser jitwettaq matul is-sena 2016.

Apparti hekk ir-Reġjun Nofsinhar ta lill-Kunsill, AED (magna tal-qalb) li twaħħlet fl-Uffiċċju tal-Kunsill biex f'każ ta' emerġenza tkun tista' tintuża mill-pubbliku inġenerali.

Ir-Reġjun Nofsinhar organizza wkoll Festa Nar li għaliha kienu mistiedna jipparteċipaw il-kmamar tan-nar tal-għaqdiet mużikali tal-irħula kollha li jagħmlu parti mir-Reġjun Nofsinhar. Mil-lokalita' ta' Ħal Kirkop ħadet sehem il-kamra tan-nar tas-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp. Dan il-festival tan-nar kien suċċess kbir u għaldaqstant ir-Reġjun ħaseb biex jerġa' jorganizza dan il-festival matul is-sena 2016.

Ir-Reġjun Nofsinhar għen ukoll lill-Kunsill billi ta fondi mill-profit li kien għamel matul is-sena biex ikunu jistgħu jintużaw f'titjib fl-ambjent tal-lokalita'.

Matul is-sena 2015 inħarġu s-sejħiet għall-offerti għal xogħol ta' Contract Management. Il-kuntratt intrebaħ mill-Perit Anthony Bezzina.

Għas-sitt sena konsekuttiva, nhar l-24 ta' Mejju, il-Kunsill organizza l-Irkottafest li għal sena oħra kienet suċċess kbir. Kienu bosta dawk li attendew għal din l-attivita' li kienet mifruxa fuq ġurnata sħiħa, b'attivitajiet differenti għall-gosti ta' kulħadd.

Fir-rigward ta' riċiklaġġ, Ħal Kirkop ikklassifikha fit-tielet post f'dak li huwa l-ġbir ta' skart riċiklat permezz tal-borża l-ħadra/griża.

Apparti hekk il-Kunsill ħa ħsieb jiġbor ukoll ħwejjeġ użati li ingħataw għall-Inspire u aktar tard saret ġabra oħra li d-dħul minnha mar b'risq in-Nature Trust. Il-Kunsill għadu għaddej bil-kampanja ta' ġbir ta' ħwejjeġ użati.

Apparti hekk il-Kunsill jiġbor ukoll tappijiet tal-flixken tal-plastik, batteriji użati u bozoz maqtugħin, dejjem bil-ħsieb li nżommu l-ambjent ta' madwarna fl-aħjar mod possibbli filwaqt li tingħata għajnuna lil dawk fil-bżonn.

Il-Kunsill wasal biex iwettaq ix-xogħol fuq is-sistema tat-traffiku fi Triq San Benedittu k/m Triq l-Imdina. Parti minn dan ix-xogħol ser jitħallas mill-flus li l-Kunsill irċieva mingħand GreenPak meta rebaħ l-*award* fl-2014.

Sfortunatament il-Kunsill għadu jiffaċċja diversi problemi ta' abbuż ta' rimi ta' skart. Dawn jinkludu –

- ħruġ ta' skart meta mhux suppost;
- ħruġ ta' skart wara li jgħaddi l-kollettur; u
- wħud li joħorġu bil-klieb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ li jħalli.

Biex jgħin biex titnaqqas din il-problema, il-Kunsill reġa' investa f'aktar *bins* apposta għall-ħmieġ tal-klieb mad-dawra tar-raħal.

Waħda mill-akbar spejjeż li għandu l-Kunsill hija ż-żamma ta' l-indafa fil-lokalita'. Din tlaħħaq għal eluf ta' Ewro.

Matul is-sena 2015, il-lokalita' ta' Ħal Kirkop ġiet magħżula biex tkun parti mit-tieni grupp tal-proġett pilota għall-ġbir ta' skart organiku. Il-kumpanija WasteServ għamlet kampanja edukattiva u daret id-djar kollha ta' Ħal Kirkop, fejn ir-residenti ġew infurmati x'għandhom jitfgħu fil-borża l-bajda.

Il-Kunsill kontinwament jinvesti f'kotba fil-librerija tal-iskola billi jixtri kotba ġodda. Dan huwa apprezzat ferm minn dawk kollha li jużaw din il-librerija li għalkemm żgħira tiġbed ħafna nies, anke minn barra r-raħal għax fiha wieħed isib l-aqwa għażla ta' kotba.

Fuq nota oħra, ix-xogħol fuq Misraħ iż-Żernieq ingħalaq u wara ħafna taħbit il-Kunsill irnexxielu jasal ma' Transport Malta biex ingħata t-tarmak fit-triq mad-dawra tal-ġnien kollu. Infatti dan il-proġett ġie inawgurat, mill-Prim Ministru ta' Malta, fl-20 ta' Novembru, 2015.

Il-Kunsill ma naqasx li jieħu ħsieb l-element edukattiv billi kompla jorganizza korsijiet dwar dekorazzjoni ta' kejkijiet li ntlaqgħu tajjeb ħafna minn dawk li qed jattendu. Infatti l-Kunsill organizza korsijiet kemm għall-*beginners*, *intermediate* u *advanced*.

Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' kollha jsir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill. Dan ix-xogħol jinkludi traqqiegħ tat-toroq, irranġar ta' bankini u kurduni, bdil ta' kaptelli, manutenzjoni fuq *bollards* u *railings*, tikħil u żebgħa ta' diversi ċnut u *planters*, żebgħa u manutenzjoni fuq bankijiet u *bins*, tindif ta' *culverts* tal-ilma tax-xita u manutenzjoni ġenerali fuq il-binjiet tal-Kunsill.

Il-*bus shelters* fi Triq Ħal Safi ġew irranġati bil-perspex u l-*bus shelters* fi Triq San Pietru ġew irranġati u l-*area* ta' madwarhom ġiet imsebbħa bi pjanti u *bins*. Wara ħafna diskussjonijiet ma' Transport Malta, sar bdil fuq ir-rotot tal-karozzi tal-linja u għaldaqstant ir-residenti ta' Ħal Kirkop qed ikunu moqdija aħjar wara li kienu ilhom għal snin sħaħ jilmentaw minn din il-problema.

Permezz tal-kuntrattur tad-dawl, matul is-sena jinbidlu wkoll ammont konsiderevoli ta' bozoz madwar il-lokalita' kollha. Ġew installati ukoll bozoz ġodda fi Triq id-Duluri, Triq l-Imdina, Triq San Ġwann, Triq Dun Ġużepp Barbara u Triq Nerik Xerri. Dawn dejjem isiru skont il-ħtieġa u l-finanzi tal-Kunsill.

Fl-2015 ġie mniedi l-proġett tal-Universita' biex iressaq aktar turisti lejn ir-raħal ta' Ħal Kirkop. Inħarġu wkoll *leaflets* u qed issir promozzjoni ta' dawn it-*tours* mat-turisti.

Sar il-ftehim ma' Multigas Ltd. biex isir l-open gym fi Triq Taż-Żebbiegħ. Il-pjanti proposti ser jitressqu quddiem il-MEPA fil-bidu tas-sena 2016.

Il-Kunsill għaddej b'diskussjonijiet kontinwi mal-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar il-bini tal-Iskola Sekondarja Ġdida u l-impatt li din l-iskola ser tħalli fuq ir-residenti ta' Ħal Kirkop. Il-Kunsill qed jinsisti li jinstab lok għall-parkeġġ biex ir-residenti ma jkunux ostakolati. Qed jiġi diskuss ukoll il-pjan tat-*traffic management* għall-akwata ta' madwar l-iskola.

Naturalment hemm ħafna aktar xogħol li daħal fir-rutina tal-Kunsill u diffiċli li jissemma kollox f'dan ir-rapport qsajjar.

## Komunikazzjoni mar-residenti

Matul is-sena inżammet ukoll il-laqgħa annwali tal-lokalita' li għaliha setgħu jattendu dawk kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. F'din il-laqgħa il-Kunsill jilqa' l-kummenti u s-suġġerimenti ta' dawk preżenti.

Minħabba limitazzjonijiet finanzjarji, u kif ukoll nuqqas ta' riżorsi umani, il-Kunsill ma jippublikax *newsletter*. Biss il-Kunsill iqassam informazzjoni utli fid-djar u apparti hekk jagħti l-informazzjoni fin-*notice boards* li għandu mdawrin mar-raħal.

Apparti hekk, il-Kunsill għandu wkoll paġna uffiċċjali fuq il-mezz elettroniku tant popolari, Facebook, bl-isem Kunsill Lokali Ħal Kirkop, fejn wieħed jista' jara updates regolari dwar attivitajiet, servizzi, korsijiet, ritratti u informazzjoni oħra ta' interess kemm lokali u kif ukoll ġenerali.

Is-servizzi normali jingħataw mill-Uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa ġurnata u nhar ta' Sibt filgħodu.

## Attivitajiet matul is-sena

Il-Kunsill organizza ġita għal Sqallija f'Ġunju 2015.

Apparti hekk b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, il-Kunsill organizza ħarġa kulturali għall-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat.

F'Diċembru 2015 il-Kunsill reġa' organizza l-festin tal-Milied li bħal kull sena kien suċċess kbir u kull minn attenda kien sodisfatt ferm.

## Pjanijiet għall-futur

Il-Kunsill għadu għaddej f'diskussjonijiet mad-Dipartimenti u Ministeri konċernati biex jinstab post alternattiv biex fuqu tinbena latrina pubblika.

Il-Kunsill ser ikun kontinwament josserva li x-xogħol ta' *traffic management* ħdejn il-bini ta' l-Iskola Sekondarja l-ġdida isir kif suppost fl-aħjar interess tar-residenti Koppin.

Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni biex isiru zebra crossings fi Triq San Pietru u Triq il-Lewżiet. Dawn ser ikunu fornuti b'dawl minn panelli solari u x-xogħol beda jsir matul l-2016 u ser jitkompla biex ikun lest sa nofs l-2016.

Il-Kunsill għaddej ukoll b'diskussjonijiet ma' bank lokali biex issir ATM fil-lokalita' f'post ċentrali biex tkun aċċessibbli minn kulħadd.

Il-Kunsill qed jippressa wkoll biex il-klinika reġjonali li hemm ppjanata f'Ħal Kirkop issir kemm jista' jkun malajr biex ir-residenti jkunu jistgħu jinqdew fil-lokalita' minflok imorru fil-poliklinika tal-Furjana.

Ma nistax nagħlaq u ma nsemmiex li fl-2015 Ġieħ Ħal Kirkop ingħata lis-Sur Joe Farrugia li jaħdem bi sħiħ b'mod volontarju b'risq l-isport lokali.

Minn hawn il-Kunsill jirringrazzja wkoll lil Dun Noel Camilleri li kien Kappillan ta' Ħal Kirkop għal dawn l-aħħar 12-il sena u jifraħ lil Dun Valentino Borg li sar Kappillan ta' Ħal Kirkop. Minn hawnhekk nawguraw ħidma ta' suċċess lill-Kappillan.

Grazzi lil kulħadd.

*April, 2016*